MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Talba Numru. 867/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**George Galea**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm863.64c (tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract Number 4257/3883 in rigward ghal servizzi lilu rezi u dana fix-xhur bejn Mejju 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------